MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 152/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Fava**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Fava talli:

(1) fl-ahhar gimgha ta' Marzu 2001 ghall-habta tat-8.30 p.m. f'post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku, fl-inhawi tal-Fgura, b'ghemil zieni kkorrompa lil N. G., minorenni ta' tlettax-il sena;

(2) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar flok pubbliku u/jew f' lok espost ghall-pubbliku;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Marzu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Emanuel Fava hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u ddikjarat it-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel wahda u, wara li rat l-artikolu 203(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin sakemm ma jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija, u dan bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Inoltre, wara li rat l-artikolu 28H tal-Kap. 9, ordnat li jhallas lill-kwerelanti hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000.00) bhala danni, offiza jew hsara, u dan minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni spettanti skond il-ligi;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Emanuel Fava pprezentat fil-5 ta’ April 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena skond il-ligi u, minghajr pregudizzju, f kaz li ma tintlaqax din it-talba, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta skond il-ligi fil-konfront tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li m’hemmx kwerela tal-parti offiza skond il-forma rikjesta mil-ligi; (2) li l-appellant ma kkorrompiex lil N. G.; (3) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-artikolu 28H(1) tal-Kap. 9 mhux applikabbli ghar-reat *de quo*; (4) li, minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti, l-ewwel Qorti naqset milli tisma lill-partijiet sommarjament skond l-artikolu 28H(3) tal-Kap. 9.

Permezz ta’ l-ewwel aggravju l-appellant jghid fl-ewwel lok illi skond l-artikolu 203(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, procediment ghad-delitt ta’ korruzzjoni ta’ minorenni

jittiehed biss bil-kwerela tal-parti offiza. Jirreferi ghall-artikoli 542, 538, 539 u 537 ta' l-istess Kap. 9 u jikkonkludi li fil-kaz odjern il-kwerela hi monka ghax saret mill-Avukat Dr. Tonio Azzopardi, cioe` minn persuna li mhijiex wahda mill-persuni msemmija fl-artikolu 542, u ghaliex il-kwerela mhijiex iffirmata mill-genituri ta' N. G. kif tassattivament jirrikjedi l-artikolu 537. L-appellant izid jghid ukoll illi l-kwerela esebita hija kopja u inoltre li l-proceduri kontra l-appellant mhumiex salvabbli taht l-artikolu 373 tal-Kap. 9.

Bhalma josserva l-appellant, l-artikolu 539 tal-Kap. 9 jipprovdi li l-artikolu 537 jghodd ukoll ghall-kwereli. L-artikolu 537 jipprovdi li d-denunzja lill-Pulizija, mela anke l-kwerela, tista' ssir bil-fomm jew bil-miktub. Il-*proviso* jipprovdi ghal dak li jigri meta persuna tmur ghand il-Pulizija sabiex taghmel denunzja jew kwerela, cioe` li l-Pulizija li lilu l-kwerelant ikun qieghed ikellem, ghandu "hlief fil-kazijiet li ma jkunux iridu dewmien", inizzel bil-miktub minnufih il-kwerela li "ghandha tigi iffirmata mid-denunzjant, jew, jekk dan ma jkunx jaf jikteb, mill-ufficjal tal-Pulizija li jkun hekk nizzilha bil-miktub." Huwa ovvju ghalhekk li kwerela bil-miktub tista' tigi ppreparata u ffirmata mill-avukat tal-kwerelant minghajr il-htiega li dik il-kwerela miktuba tigi ffirmata wkoll mill-kwerelant. Barra minn hekk, nonostante li giet esebita kopja biss tal-kwerela, jirrizulta li meta D. G., missier il-minorenni, xehed fid-9 ta' Jannar 2002 huwa sostna l-kwerela[1]. U meta N. G. ottjeniet l-eta` ta' tmintax-il sena fil-mori tal-kawza, fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2005 hija sostniet il-kwerela, u baqghet hekk issostniha. Ghalhekk l-ewwel aggravju huwa michud.

It-tieni aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija mill-ewwel Qorti. L-appellant jghid illi minn dak li xehdet N. G. stess, li kienet saret xebba ta' hdax-il sena u kienet ilha tiffrekwenta guvintur, jirrizulta li ma kien hemm l-ebda korruzzjoni. Jirreferi ghax-xiehda taghha tat-13 ta' Novembru 2003 fejn qalet li dak li kienet ghamlet ma' l-appellant ghamlitu minghajr ma sfurzaha u minn jeddha.

---

[1] A fol. 11.

Din il-Qorti nnutat, pero`, illi fix-xiehda taghha tad-9 ta' Jannar 2002 N. G. qalet li kienet saret taf lill-appellant fi Frar 2001 u f'Marzu kellha relazzjoni sesswali mieghu li minnha harget tqila. Hija spjegat li dan sehh fil-ground tal-*football* tal-Fgura. Qalet li dahlu hemm minn ticrita fil-*fence* u ghal xi hin qaghdu bilqieghda fuq ic-cint. "L-imputat hemmhekk beda jmissli sidri u ghall-ewwel jiena ghidtlu biex jieqaf. Meta jiena ghidtlu hekk lill-imputat hu waqaf. Pero` wara ftit ta' hin rega' beda jmissni anke fil-parti privata tieghi. Bhala fatt jiena m'ghamilt l-ebda rezistenza biex ma jkollix l-att mal-imputat pero` certu biza' kelli." Imbaghad fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid: "Kelli x'naqsam maghha darbtejn barra, wara l-ground tal-football. Darba kelli x'naqsam maghha sesswalment u t-tieni arba tbewwisna u jien missejt il-parti privata taghha u sidirha u hi mmasturbatni." Huwa minnu li fix-xiehda taghha tat-13 ta' Novembru 2003 N.G. tghid li kienet tohrog ma' guvintur qabel ma harget ma' l-appellant, izda minn imkien ma jirrizulta li kellha relazzjonijiet sesswali maghhom. Anzi minn dak li jidher li kemm N.G. kif ukoll l-appellant qalu lill-ufficjal tal-*probation* Carmen Nygaard, l-ewwel *coitus* li qatt kellha kien proprju dakinhar tal-*ground* tal-Fgura.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmelo Spiteri** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Superjuri) fl-20 ta' Marzu 1989, intqal:

**"Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplata fl-artikolu 203 minhabba hajja dedikata ghal-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficilment wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn dawn il-Qrati; izda hu cert ukoll li esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita` li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) *in re* Il-Pulizija v. George Portelli (2.2.1975), fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-teorija moderata tal-Maino, 'mhux qed jinghad li l-persuna ga`**

**parzjalment korrotta ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc'."**

U bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Saviour Camilleri** moghtija fl-14 ta' Frar 2008:

**"Issa ghalkemm il-Qrati taghna saggjament ma jaccettawx id-difiza bazata fuq *corrupta non corrumpitur* u l-korruzzjoni precedenti tal-minuri ma hix ta' ostakolu ghall-kommissjoni ta' dar-reat, il-fatt li l-vittma tkun gja` giet esposta ghall-attivita` sesswali, jista' f'certi kazi jitqies ghall-fini tal-piena."**

Kif inghad, fil-kaz odjern ma hemmx evidenza ta' attivita` sesswali precedenti. Ma jistax jinghad li N.G. kienet diga` korrotta ghax setghet qalet lill-appellant li kienet ikbar milli fil-fatt kienet – fil-fatt filwaqt illi N.G. kellha tlettax-il sena, l-appellant qal li qaltlu li kellha sittax, xorta minorenni. Barra minn hekk din il-Qorti ma setghetx ma tinnotax li fis-seduta tas-27 ta' April 2006 l-appellant kien irregistra ammissjoni. Il-verbal jghid hekk: "F'dan l-istadju l-imputat jirregistra ammissjoni, liema ammissjoni baqa' jippersisti fuqha anke wara l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra." Fis-seduta sussegwenti talab li jirtira l-ammissjoni u l-ewwel Qorti ordnat li jsir *social inquiry report*. Hu x'inhu, jibqa' l-fatt illi l-appellant, li kellu dsatax-il sena meta mbarka f'relazzjoni ma' N.G., instab hati korrettement mill-ewwel Qorti u ghalhekk it-tieni aggravju huwa michud.

Permezz tat-tielet aggravju l-appellant jghid illi l-artikolu 28H(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli u l-ewwel Qorti ma setghetx taghti direttiva ghall-hlas ta' kumpens. Dan is-subartikolu jipprovdi hekk:

**"28H. (1) Meta l-qorti taghmel ordni ta' sentenza sospiza bis-sahha ta' l-artikolu 28A(1), hija tista' tinkludi f'dak l-ordni direttiva li tkun tobbliga lill-hati li jirrestitwixxi lill-parti offiza kull haga minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' ghandu b'ricetazzjoni jew akkwista bi frodi jew bi qliegh iehor kontra l-ligi,**

**bi hsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat li dwaru tkun inghatat is-sentenza sospiza, jew li jhallas lil dik il-parti dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabbilit mill-qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni jew offiza jew hsara ohra kagunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat; u kull ordni bhal dak jista' jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni u, fin-nuqqas, li jsir hlas kif imsemmi qabel."**

Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant. L-imsemmi subartikolu jikkontjeni diversi alternattivi li jinkludu kemm restituzzjoni kif ukoll kumpens. Wahda mill-alternattivi hi li l-hati jhallas lill-parti offiza **"dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabbilit mill-qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens … ghal xi danni jew offiza jew hsara ohra kagunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat",** naturalment <u>ir-reat li dwaru l-Qorti tkun ghamlet ordni ta' sentenza sospiza</u>.

In kwantu r-raba' aggravju, l-appellant ghandu ragun. Barra minn hekk huwa bizzejjed li din il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Ayman Khalaf** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Settembru 2002:

**"Din il-Qorti hi tal-fehma li ordni ghal kumpens taht l-imsemmi Artikolu 28H (kif ukoll ordni ghal kumpens taht l-Artikolu 11(1) ta' l-Att dwar il-*Probation* tal-Hatjin, Kap. 152) ghandu jsir biss meta l-*quantum* ikun car, jew meta jkun hemm qbil bejn il-partijiet dwar l-istess *quantum*: *In* R. v. Vivian, *68 Cr.App.R. 53, the Court of Appeal stated that "no order for compensation should be made unless the sum claimed by way of compensation is either agreed or proved"…Although it is open to the court to hear evidence in order to determine questions as to the fact or the amount of loss, the Court of Appeal has discouraged criminal courts from embarking on complicated investigations. See* R. v. Kneeshaw, *58 Cr.App.R. 439;* Hyde v. Emery, *6 Cr.App.R.(S.) 206;* R. v. Briscoe, *15 Cr.App.R.(S.) 699; and* R. v. White *[1996] 2 Cr. App.R.(S.) 58* (*Archbold: Criminal***

***Pleading, Evidence and Practice 2001*** **Sweet & Maxwell (London), 2001, paras. 5-418, 5-419.) U Lord Justice Eveleigh, fil-kaz** ***R. v. Donovan*** **(1981) 3 Cr.App.R.(S.) 192 esprima ruhhu hekk:** ***"A compensation order is designed for the simple, straightforward case where the amount of the compensation can be readily and easily ascertained."*****(*****Blackstone's Criminal Practice 2001*** **Blackstone Press Limited (London) , 2001, p. 1899, para. E18.6.)**

**"Fil-kaz presenti din il-Qorti hi tal-fehma li ma kienx hemm provi sufficjenti li jiggustifikaw ordni fl-ammont li gie ordnat mill-ewwel qorti, jew addirittura f'xi ammont iehor partikolari. L-ammont tal-hsara, u l-konsegwenti kumpens ghalih, kellu jithalla biex jigi stabbilit fi proceduri civili. Ghalhekk din il-Qorti ser tirrevoka l-ordni ghall-kumpens."**

Dak li ntqal f'dik il-kawza japplika *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern. Kull ma rrizulta mill-provi hu li l-appellant mhuwiex qieghed ihallas manteniment u l-manteniment qed igorru missier N.G. Kull pretensjoni tal-parti civili trid tigi stabbilita fi proceduri civili. B'hekk ir-raba' aggravju qieghed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ordnat lill-appellant li zmien mhux oltre s-sitt xhur ihallas lill-kwerelanta hamsa u ghoxrin elf euro bhala danni, offiza jew hsara (salv, kif intqal, kull azzjoni opportuna fil-foro kompetenti) u tikkonferma l-istess sentenza fil-bqija, b'dan illi l-perijodu operattiv ta' erba' snin tas-sentenza sospiza jibda jiddekorri millum. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilita` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Inoltre tattira l-attenzjoni tar-Registratur ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------